MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2013

Numru. 711/2008

**Il-Pulizija**
**[Spettur Tony Cachia]**

**vs**

**Francis Mamo**

**Kumpilazzjoni Numru: 711/2008**

**Illum, 14 ta’ Frar 2013**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra Francis Mamo**,** ta’ 53 sena, imwieled Qormi, nhar is-7 ta’ Awissu 1953, bin Francis u Giuseppa nee’ Mifsud, residenti fil-fond 58, 8th September,

Triq il-Qoton Naxxar, u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 596553(M).

Akkuzat, f'ismu propju u in rapprezentanza tas-socjeta Oman Construction Limited,

a) Talli nhar is-16 ta' April 2008, ghall-hin ta' bejn 1.00pm u 1.30pm gewwa basement ta' garaxxijiet bi drive in bla numru jew isem li jinsab fi Triq Dawret in-Nizla ta' San Pawl Haz-Zebbug Malta, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Gabriel Agiusi;
b) U aktar talli f'l-istess data, xhur u snin ta' qabel u f'l-istess lok halla wara li gie imwissi mill-pulizija bini fi stat ta' perikolu ghan-nies jew ghall- hwejjeg haddiehor;
c) U aktar talli f'l-istess data, xhur u snin ta' qabel fi Triq Dawret i-Nizla ta' San Pawl Zebbug Malta ghamel haga fi triq (tarag) li jista' jgib xkiel jew perikolu jew imkomdu ghall-pubbliku skond kif iccertifika il-perit tad-distrett Lawrence Buttigieg;
d) U aktar talli f'l-istess data xhur u snin ta' qabel halla wara li gie imwissi mill-Pulizija bini iehor (l-istess tarag) fi stat ta' perikolu ghan-nies jew ghall-hwejjeg haddiehor;
e) U aktar talli b'diversi atti maghmula minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, li m'obdiex ordnijiet legittimi ta'l-awtorita jew ta' wiehed inkarigat minn servizz pubbliku u cioe talli halla wara li gie imwissi mill-Pulizija bini fi stat ta' perikolu ghan-nies jew ghal hwejjeg haddiehor.

Rat l-artikoli 18, 225 u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 25 tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident li sfortunatament halla bhala vittma tifel ta' sentejn u ghaxar xhur: Gabriel Agius. L-incident sehh fis-16 ta' April 2008 f'kumpless ta' garaxxijiet f'livell ta' basement fi Triq Dawret in-Nizla ta' San Pawl Haz-Zebbug, meta l-imsemmi Gabriel Agius, akkompanjat minn ommu, kien ghadu kif wasal id-dar mill-iskola.

Illi l-familja Agius tghix f'appartament f'binja konsistenti minn tlett sulari ta' appartamenti u zewg sulari (basement level -1 u basement level -2) ta' garaxxijiet; huma propjetarji ukoll ta' garaxx fit-tieni livell (-2) tal-basement. Jirrizulta li huma inizjalment xtraw appartament u hadu garaxx b'titolu ta' lokazzjoni; eventwalment xtraw dak il-garaxx li kienu qed jikru; l-kuntratt relattiv ghall akkwist tal-garaxx huwa esebiet in atti[1].

Illi skond Vanessa Agius, dak in-nhar ta' l-incident, meta kienet qed tirritorna d-dar wara li gabret lil binha mill-iskola baqghet niezla fil-garaxx biex tipparkja il-vettura taghha. Waqt li kienet qed iddur f'l-ewwel livell tal-basement (-1) innutat li ma'l-art kien hemm l-ilma; peress li xi zmien qabel kellhom problema minhabba skular ta' ilma minn xi katusa iddecidiet li, wara li ddahhal il-karozza taghha fil-garaxx (fit-tieni livell -2), tmur tara jekk dak l-ilma kienx qed iqattar mill-istess katusa. Dahhlet il-karrozza fil-garaxx u, flimkien mat-tifel, telghet f'l-ewwel sular ta' garaxxijiet bil-lift. Harget mill-lift u, dejjem flimkien ma' binha, bdiet miexja fil-passagg fil-waqt li thares 'l fuq lejn il-katusa; Gabriel kien miexi pass quddiemha; baqghet miexja lejn il-hajt f'ras il-passagg, dejjem thares 'l fuq, sa kemm semghet hoss u rrealizzat li Gabriel kien waqa' f'fetha li kien hemm f'ras il-passagg. Nizlet malajr fil-livell ta' taht u rat li binha kien mitluf minn sensieh u kellu polz

[1] Ref Dok VA a fol 85 tal-process.

dghajjef hafna; beda hiereg id-demm minn imniehru u halqu. Agius bdiet tghajjat u twerzaq tant li semghuha minn barra l-garraxxijiet; issejjhet l-ghajnuna. Sfortunatament Gabriel miet sa kemm ittiehed l-isptar.

Illi ghalkemm Vanessa Agius hija l-unika xhud okkulari stante li hi kienet l-unika persuna prezenti meta waqa' binha, tressqu diversi xhieda ohra.

Illi tressqu ghadd ta' persuni[2] li akkwistaw propjeta f'din il-binja minghand l-imputat, ossia minghand socjeta kummercjali li jisimha Oman Consrtuction Limited li taghha l-imputat huwa direttur. Dawn il-persuni kollha (hlif ghal Shirley Sciberras) esebew l-att notarili relattiv ghall-akkwist da parti taghhom. Minn dawn id-dokumenti[3], u anke dak esebiet minn Vanessa Agius, jidher li huma m'akkwistawx sehem proporzjonali tal-partijiet komuni tal-garage complex.

Illi mid-depozizzjoni ta' dawn il-persuni u anke minn ta' Vanessa Agius u zewgha, Joseph Agius, jirrizulta li dawn l-istess persuni akkwista l-garaxxijiet minghajr provvista ta' elettriku pero l-imputat kien obbliga ruhhu li jwassal il-provvista ta'l-elettriku sal-partijiet komuni tal-garage complex u anke jaghmel dawl adegwat; hekk fil-fatt sar. Il-meters li kienu jirregistraw konsum ta' dawl fil-partijiet komuni tal-garage complex kienu registrati fuq isem l-imputat. Iz-zewg livelli ta' garaxxijiet kienu accessibli anke minn lift li kien jibqa tiela' sa' l-ghola livell fis-sulari fejn kien hemm l-appartamenti.

Illi ghandu jinghad li sad-data tad-depozizzjoni tieghu l-imputat kien ghadu propjetarju ta' numru garaxxijiet f'dan il-kumpless; huwa kien biegh il-garaxxijiet kollha f'l-ewwel livell fil-waqt li mill-garaxxijiet tat-tieni livell kien biegh xi ftit, kera xi ohrajn, u kellu ohrajn li kienu ghadhom vakanti.

---

[2] Il-persuni koncernati huma: Maryanne Micallef depozizzjoni a fol 36; Kevin Agius, depozizzjoni a fol 43; Brian Zammit depozizzjoni a fol 49 u 124; u Shirley Sciberras depozizzjoni a fol 150.

[3] Ref Dok KA1 a fol 45, Dok BZ2 a fol 127, BZ3 a fol 140, u BZ4 a fol 143.

Illi gara li f'xi zmien inqala disgwid fuq il-kont tad-dawl tal-komun fil-kumpless ta' garaxxijiet ghaliex l-imputat dehrlu li l-kont kien gholi, u in oltre, mhux kulhadd kien qed jikkontribwixxu sehemu. L-imputat ghalhekk sejjah laqgha li saret hemm fil-garage complex stess meta ssugerixxa li l-kont kellu jigi trasferiet fuq isem xi hadd mill-persuni l-ohra. Huma ma qablux pero, da parti taghhom, issuggerew li kull wiehed minnnhom jaghmel standing order ma' bank favur l-imputat biex b'hekk ihallsu sehemhom mill-konsum ta'l-elettriku. Ftehiem ma ntlahaqx ghalhekk l-imputat talab lill-awtorita kompetenti biex taqta' l-provvista ta' dawl fil-kumpless tal-garaxxijiet; il-provvista fil-fatt inqatghet u ghada maqtugha sa' llum. Ghandu jinghad li l-lift kien ikkomunikat mal-provvista tad-dawl tal-komun ta'l-appartamenti ghalhekk ma giex affettwat mill-qtugh tad-dawl fil-garaxxijiet.

Illi l-prosekuzzjoni ressqet ukoll bhala xhud lill-Perit li kien inkarigat mill-imputat. Mid-depozizzjoni ta' dan il-perit[4] jirrizlta li huwa kien gie inkarigat mill-imputat biex jaghmel il-pjanti u l-applikazzjonijiet relattivi, u li jissorvelja x-xoghol ta' bini sa stadju ta' shell. Il-perit jispjega li l-applikazzjoni lill-MEPA kienet saret fis-sena 1999 u approvata fis-sena 2000; fis-sena 2001 kienu intalbu, u gew approvati, xi minor amendments fil-pjanti.

Illi dwar ix-shaft li waqa minnu Gabriel u shafts ohra li hemm fil-garaxx complex il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tirriproduci testwalment dak li jghid il-Perit:

*…. Il-fetha tifforma parti minn numru ta' fethiet ohrajn … illi l-hsieb taghhom huwa illi joholqu kuntatt bejn il-livell tal-garaxx t'isfel u l-livell tal-garaxx 'l fuq. Meta nghid kuntatt huwa kuntatt ta' dawl, ta' ventilazzjoni, u anke f'kaz li jkun hemm hruq isfel … biex ikun hemm mezz minn fejn johrog id-duhhan li l-hruq jiggenera. Dawn it-tipi ta' fethiet huma rekwizieti mill-awtorita …..*

[4] Il-perit Philip Mifsud depozizzjoni a fol 423.

*…. Li nista' nghid fuqu dan is-shaft*[5] *illi fil-permess originali illi gie approvat fit-8 ta' April 2000 …. is-shaft in kwsitjoni kien jindika illi hemmhekk kellu jsir cint baxx mieghu. Sussegwentement … fil-pjanta tal-minor amendments illi giet apporvata … fil-31 ta' Lulju 2001 dak ic-cint baxx illi kellu jsir kellu jigi sostitwit b'railing.* [6]

Illi jirrizulta ampjament kemm mir-ritratti esebieti, kemm mill-kostatazzjonijiet li saru waqt id-diversi accessi mizmuma[7], kif ukoll mid-depoizzjoni ta' xhieda ohra, li dan l-ilqugh, fil-forma ta' cint baxx jew fil-forma ta' railing baqa' qatt ma sar. Dan ifisser li (kif jispjega l-espert perit Richard Aquilina fir-rapport tieghu) *fin-naha ta' gewwa tal-passagg komuni fis-saqaf bejn il-livell (-1) u l-livell (-2), …is-saqaf ma jasalx sal-hajt*[8] u l-fetha rizultanti m'ghandha l-ebda ilqugh stante li la sar c-cint u lanqas sar ir-railing.

Illi waqt li kienu qed isiru l-investigazzjonijiet wara l-incident mertu ta' dawn il-proceduri gie notat ukoll li faccata tar-rampa hemm tarag li jaghti ghal isfel li m'ghandux ilqugh. In oltre gie notat ukoll li mad-dawra tal-binja fil-bankina hemm fetha li taghti ghal isfel; lanqas din m'ghandha ilqugh.

Illi zewg persuni li tressqu bhala xhieda, Brain Zammit u Shirley Sciberras, qalu fid-depozizzjoni taghhom li huma kienu innotaw il-perikolu u kienu jghidulu lill-imputat biex jaghmel xi haga dwaru. Brian Zammit irrefera ghall-perikolu li kienet tohloq is-shaft li minnha waqa' Gabriel Agius; Zammit kien jaf biha ghaliex kienet ezattament hdejn il-garaxx tieghu[9]. Shirley Sciberras tirreferi ghan-nuqqas ta' lqugh mat-tarag li huwa ukoll fire-escape; Sciberras setghet tikkonstata l-perikolu minhabba li t-tarag kien hdejn il-garaxx taghha[10].

---

[5] Hawn kien qed jirreferi ghas-shaft li fih waqa' Gabriel.
[6] Ref depozizzjoni a fol 424 u 426.
[7] Inzamm access mill-Magistrat Inkwirenti flimkien ma'l-esperti minnu nominati u nzammu zewg accessi minn din il-Qorti fil-kors tal-proceduri odjerni.
[8] Ref rapport esebiet bhala Dok RA a fol 80 tal-process.
[9] Ref depozizzjoni a fol 125 tal-process.
[10] Ref depozizzjoni a fol 153 tal-process.

Illi mid-depozizzjoni ta'l-Ispettur Cachia jirrizulta li waqt li kien qed jiehu l-istqarrija ta'l-imputat huwa ordnalu biex jaghmel dak kollu necessarju biex jitnehha l-perikolu f'dawn it-tlett postijiet; l-ghada l-imputat inghata avviz bil-miktub ta' dan l-ordni[11]. Mill-ittra datata 10 ta' Lulju 2008[12] mibghuta mill-Avv Dr Paul Lia lill-Ispettur Cachia jidher li fid-9 ta' Lulju 2008 avviz simili ghal dak mahrug fis-17 ta' April 2008 intbaghet lill-imputat. L-imputat ikkontesta kwalunkwe responsabbilta u nnega li ghandu xi obbligu li jaghmel dak ordnat mill-Ispettur.

Illi f'dan ir-rigward ghandu jigi rilevat li mill-provi akkwizieti jidher l-unika interpellazzjoni ufficjali lill-imputat biex jinehhi l-perikolu kienet dik tal-pulizija wara l-incident. Jirrizulta li lill-pulizija qatt ma sarilhom rapport dwar dak il-perikolu u saru jafu bih biss permezz ta' dan l-incident. In oltre apparti l-ilmenti verbali ta' Zammit u Sciberras fuq imsemmija ma jidhirx li xi hadd mis-sidien tal-garrixxijiet qatt interpella lill-imputat ufficjalment biex inehhi l-perikolu naxxenti minn-nuqqas ta' ilqugh

Illi l-imputat da parti tieghu mhux biss irilaxxja stqarrija imma ta d-depozizzjoni tieghu quddiem l-espert nominat f'l-inkjesta l-Perit Richard Aquilina u anke ta d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti. Dwar l-incident innifsu l-imputat ma jaf xejn u ma jghid xejn ghaliex ma kienx prezenti meta gara. Huwa jsostni li l-komun mhux tieghu ghaliex ma' kull garaxx hemm mibjugh sehem indiviz tal-komun[13], u li dawk is-shafts m'ghandux x'jaqsam maghhom; hu jammetti li minhabba d-disgwid li nqala fuq il-hlas tal-kont tad-dawl huwa qata' il-provvista ta'l-elettriku fil-komun.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu Francis Mamo qed jigi addebietat b'l-omicidju involontarju ta' Gabriel Agius, reat prospettat f'l-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

---

[11] Ref Dok TC2 a fol 20 tal-process.
[12] Ref Dok TC4 a fol 22 tal-process.
[13] Ghalkemm fil-fehma tal-Qorti l-kuntratti mhux jekk juru.

Illi m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju, u del resto mhux kontestat li l-incident mertu ta' dawn il-proceduri sehh, li Gabriel Agius kien miexi f'l-ewwel livell, livell (-1), tal-kumpless ta' garaxxijiet u waqa' mill-fetha li hemm fis-saqaf ta' bejn iz-zewg sulari ta' garaxxijiet, u li huwa miet sa kemm ittiehed l-isptar.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tirrileva li tnejn mil-esperti nominati mill-Magistrat Inkwirenti, il-Professur Dr Marie Camilleri Podesta u Dr Ali Salfraz -- nominati bhala patologi -- baqghu ma prezentawx ir-rapport dwar l-ezoneru ta'l-inkarigu lilhom mghoti; lanqas ma tressqu quddiem din il-Qorti biex jirrelataw verbalment. Dwar il-kawza tal-mewt ta' Gabriel pero, l-ufficjal prosekutur prezenta c-certifikat li gie rilaxxjat mill-imsemmija esperti. Minn dan ic-certifikat jirrizulta li Gabriel Agius miet bhala rizultat ta' fractured skull[14]. Ghandu jinghad ukoll li l-espert forensiku nominat mill-Magistrat Inkwirenti, Dr Mario Scerri, ukoll ezamina l-kadavru ta' Gabriel Agius u kien prezenti waqt li saret l-awtopsija miz-zewg esperti hawn fuq imsemmija. Il-kostatazzjonijiet li huwa ghamel in ezoneru ta'l-inkarigu lilu mghoti huma dettaljati fir-rapport tieghu li huwa konfermat b'gurament[15].

Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li Gabriel Agius miet bhala rizultat tal-griehi li huwa soffra meta waqa' gholi ta' sular minn dik il-fetha li kien hemm fis-saqaf. Fil-verita dan il-fatt ma giex kontestat mill-imputat; dak li qed jikkontesta l-imputat huwa r-responsabbilta ghal-incident.

Ikkunsidrat

Illi biex jirrizulta d-delitt ta' omicidju involontarju hemm bzonn

*li tirrikorri kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza),*

[14] Ref Dok TC6 a fol 24 tal-process.
[15] Ref Dok MS a fol 94 et seq tal-process.

*negligenza, traskuragni, jew ta' hila (imperizja) f'l-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti u ordnijiet li tkun segwieta b' ness ta' kawzalita minn akkadut dannuz involontarju. Ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe', illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali; kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret*[16].

Illi dan il-principju huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Il-Qorti ta'l-Appell Kriminali f'sentenza aktar recenti minn dik hawn fuq kwotata, wara li ghamlet referenza ghall-bran hawn fuq riprodott esprimiet ruhha hekk:

*Kif jispjega l-gurista taljan Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika -- cioe' l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari -- tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.*

*"Sorgono per tal modo," ikompli dan l-awtur, "delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi socjali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi....Il reato colposo nasce*

[16] Ref Pulizija vs Louis Portelli Appell Kriminali deciza 04.02.1961.

*sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi' formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche' nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322- 323).*

*Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizjoni. In fatti, l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem "nuqqas ta' hsieb", "traskuragni", u "nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni", fil-waqt li dawk ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem "nuqqas ta' tharis ta' regolamenti". Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti il-legislatur mhux qed jirreferi biss ghal legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi ukoll ghal dawk ir-regolamenti promulgati minn enti privati (per ez., ir-regolamenti infassra minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull minn jahdem jew jidhol f'dik il-fabbrika). In fatti, kemm fil-Codice Zanardelli kif ukoll fil-Codice Rocco, l-espressjoni uzata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline". Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke fil-kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita' ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament imprudenti jew negligenti mhux biss min jitraskura li jiehu dawk il-prekawzjonijiet indikati mill-esper-jenza ordinarja tal-hajja, izda wkoll min jitraskura li*

*josserva dawk il-prekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita'.*

*…. Jekk l-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi negazzjoni ta' din il-virtu, tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li messu preveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certu non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet pero, il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet ukoll prevista wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina ta'l-intenzjoni pozittiva indiretta.*[17]

Illi b'applikazzjoni ta' dawn il-principji ghall-kaz in ezami jwassal ghall-konkluzzjoni li l-imputat kien kemm imprudenti kif ukoll traskurat u negligenti ghaliex l-istess imputat, ragel ta' tlieta u hamsin sena[18], zgur kellu dik l-esperjenza komuni li tghallem li f'kazijiet bhal dak in ezami kellu jiehu certu prekawzjonijiet. L-imputat, bhal kull persuna adulta normali ohra, seta' jipprevedi l-possibilita jekk mhux probabbilta, li fetha f'l-art, minghajr edba ilqugh madwara, facilment seta' jaqa xi hadd fiha. Minkejja dan, huwa naqas li jiehu l-prekawzjonijiet li kien jiehu *bonus pater familia* permezz ta' ilqugh' madwar dik il-fetha. Ghandu jinghad li din il-prekawazzjoni *bonus pater familja* kien johodha ghax dettata mill-buon sens minghajr il-bzonn ta' xi impozizzjoni permezz ta' regoli jew kundizzjonijiet f'permessi tal-bini.

Illi pero kundizzjonijiet imposti fil-permess tal-bini kien hemm ukoll. Mill-provi prodotti jirrizulta li l-fetha minn fejn waqa Gabriel Agius kellha tkun maghluqa, inizjalment b'cint baxx, u sussegwentement b' railing skond il-permess mahrug mill-awtorita kompetenti: il-MEPA. Mill-provi prodotti jirriuzlta ukoll li dan l-ilqugh qatt ma sar; l-imputat mhux biss injora dak li kien jiddetta l-buon sens

[17] Ref Pulizija vs Richard Grech deciza 21.03.1996.
[18] Kellu dik l-eta fil-giuuranat ta' l-incident.

imma anke naqas li josserva r-regolamenti kif stipualti fil-permess mahrug mill-awtorita kompetenti.

Illi hija inutli s-sottomissjoni ta' l-imputat li huwa qabbad perit u kuntrattur biex jiehdu hsieb il-bini u li konsegwentement hu m'ghandux responsabbilta. Il-perit kien car li l-inkarigu tieghu kien li jippjanta l-binja, jiehu hsieb ta'l-applikazzjonijiet ghall-permessi, u li jissorvelja l-bini sa stadju ta' shell. X'inkarigu inghata l-kuntrattur mill-imputat mhux car ghaliex dan il-kuntrattur ma tressaqx bhala xhud u l-imputat qal biss li huwa qabbad kuntrattur minghajr ma specifika sa fejn kien jasal l-dan l-inkarigu.

Illi f'dan ir-rigward wiehed ma jistax jinsa li skond l-ahhar applikazzjoni li saret lill-MEPA, applikazzjoni li giet approvata, l-ilqugh madwar din il-fetha kellha ssir permezz ta' railing u ghalhekk ma kenitx tifforma parti mill-bini ta'l-istruttura (is-shell) imma finishing li zgur ma kienx jaqa' taht l-inkarigu tal-perit u x'aktarx lanqas taht l-inkarigu tal-kuntrattur.

Illi mis-sottomissjonijiet ta'l-abbli difensur ta'l-imputat jidher li l-imputat qed jikkontendi ukoll li l-vera kawza ta'l-incident ma kenitx in-nuqqas ta' lqugh ma' dik il-fetha imma l-agir ta' Vanessa Agius li ma haditx il-prekawzjonijiet neccesarji meta kellha fil-kura taghha tifel ta' sentejn u ghaxar xhur f'post li skond ma ddeskriviethu hi stess kien "dlam cappa".

Illim f'dan l-istadju l-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghmel xi osservazzjonijiet dwar il-verzjoni mghotija minn Vanessa Agius.

- Agius insistiet diversi drabi li minhabba l-qtugh tal-provvista ta'l-elettriku il-garaxxijiet kienu fi dlam cappa u li hi ma kenitx thobb tinzel fil-garaxx certu hinijiet. Hija legittima l-mistoqsija posta diversi drabi mid-difensur ta'l-imputat: x'sens kienet taghmel id-decizzjoni ta' Vanessa Agius li, fid-dlam cappa, tmur tara jekk kienx hemm ilma qed iqattar mill-katusa wara li tipparkja il-karozza taghha fil-garaxx?
- Agius tghid hi ma ndunatx li t-tifel kien waqa'; kienet biss bit-tisbieta tieghu ma'l-art li ndunat li kien

waqa. Hawn ukoll hija legittima il-mistoqsija posta dwar kemm hu verosimili li Gabriel m'ghamel l-ebda reazzjoni meta waqa, cioe la ghajjat u la ghamel xi esklamazzjoni. Huwa difficli timmagina xenarju fejn tifel jaqa' gholi ta' sular u (ghalkemm huma ftit sekondi li jghaddu sa kemm jinstabat ma'l-art) ma jghajjatx, imqar lil ommu stess li suppost kienet hdejh.

- Agius tammetti li tfal ta'l-eta ta' binha huma imprevedibbli u ma tistax tghid kif jaqbdu u jitilqu jigru. Kien propju ghalhekk li meta ddahhal il-karrozza fil-garaxx hi kienet thalli lil binha marbut fil-carseat sa kemm tiggaraxxja l-vettura u anke sakemm taghlqa tlieta mill-bibien tal-garaxx; huwa f'dak l-istadju li kienet tohorgu mill-karozza u zzommu hdejha sakemm issakkar l-ahhar bieba tal-garaxx. Min-naha l-ohra tghid li meta telghu fis-sular ta' fuq, skond dak li tghid hi stess fi dlam cappa, lil binha ma refghatux jew almenu zammitu minn idu, imma hallietu miexi pass quddiemha[19].

Illi kif diga ntqal din il-Qorti zammet access darbtejn u d-darbtejn l-access kien kmieni wara nofs in-nhar u cioe bejn wiehed u iehor f'l-istess hin meta sehh l-incident mertu ta' dawn il-proceduri. Li wiehed jasserixxi li dak il-hin fil-garaxx ikun hemm dlam cappa mhux korrett; hu minnu li l-post jkun mudlam pero, dak il-hin, anke minghajr dawl artificjali tista' tara bizzejjed biex tkun taf x'hemm u fejn int miexja. L-access sar fil-prezenza ta' diversi persuni, Vanessa Agius inkluza, u hadd ma kellu diffikolta biex jara fejn hu sejjer, jew biex jara l-persuni l-ohra li kienu prezenti ghall-access.

Illi s-suespost jitfa' dell fuq il-kredibilita ta' Vanessa Agius b'mod partikolari f'l-asserzjoni taghha li binha Gabriel kien il-hin kollu hdejha u li hi addiritura kellha idejha fuq rasu. Li hu cert pero hu li Vanessa lil binha ma zammitux minn idejh u ghalhekk naqset li tiehu l-prekawzjonijiet necessarji biex tilqa' ghall-imprevedibilita (maghrufa lilha) ta' tifel ta'sentejn.

---

[19] Xi drabi fir-rakkont taghha Agius qalet li binha kien miexi nofs pass quddiemha u li hi kellha idejha fuq rasu.

Illi jidher li l-imputat qed jibbaza d-difiza tieghu primarjament fuq dan il-punt; hu jissottometti li negligenza kien hemm da parti ta’ Vanessa Agius.

Illi huwa principju ben stabbilit fid-dottrina u fil-gurisprudenza li n-negligenza kontributorja mhux necessarjament tezonera lill-imputat, li xorta ghandu jirrispondi ghall-agir tieghu jekk dan l-agir jikkostitwixxi vjolazzjoni li tkun il-kawza prossima tas-sinistru[20]. F’dan il-kaz, u cioe jekk tirrizulta in-negligenza kontributorja, din in-negligenza kontributorja ghandha tittiehed in konsiderazzjoni biss fil-kalibrar tal-piena li ghandha tigi erogata.

Illi f’dan is-sens jikkomenta ukoll l-Antolisei:

*Nell’ ipotesi che con la colpa del soggetto attivo del reato concorra la colpa della persona offesa, da alcuni si parla di compensazione delle cople, nel senso che la colpa dell’ uno verrebbe annullata dalla colpa dell’altro. Cosi non si dovrebbe punire l’automobilista, se l’ investimento sia dovuta anche alla colpa della vittima. Cio non puo’ ammetersi, perche il principio della compensazione delle cople, se vale nell’ambito del diritto privato, …. non ha diritto di cittadinanza nel campo penale. Qui la punizione e’ reclamata da un interesse pubblico, quindi, dell’ eventuale colpa della vittima il guidice terra’ conto solo entro i limiti dei suo poteri discrezionali per l’ applicazione concreta della piena*[21].

Illi fil-verita l-imputat qed imur pass oltre mill-argument tan-negligenza kontributorja; hu qed jissottometti li l-kawza prossima ta’l-incident ma kenitx l-agir tieghu imma n-negligenza ta’ Vanessa Agius. Il-Qorti ma tikkondividiex din it-tezi. Huwa fatt pruvat li fil-hin ta’l-incident Vanessa Agius ma kenitx qed izzommlu idejh lil binha pero fil-fehma tal-Qorti Gabriel miet ghax waqa’ gholi ta’ sular, u waqa gholi ta’ sular ghax kien hemm fetha fis-saqaf u ghaliex l-imputat naqas li jaghamel ilqugh adegwat

---

[20] Pulizija vs Christopher Siegersma: Appell Kriminali deciz 12 ta’ Lulju 2007.
[21] Ref Manuale di Diritto Penale Parte Generale 1989 Giuffre pagna 332.

madwar din il-fetha. In linea mal-principji assodati dwar negligenza kontributorja din ser tittiehed in konsiderazzjoni ai fini ta' kalibrar tal-piena.

Illi in vista tas-suespost il-Qorti hija sodisfatta li l-ewwel imputazzjoni giet sodisfacjentement pruvata.

Ikkunsidrat

Illi peremezz ta'l-erbgha imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu l-imputat qed jigi addebietat bir-reati prospettati f'l-artikolu 25 tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dawn l-imputazzjonijiet jirreferu ghan-nuqqas ta'l-imputat li jobdi l-ordni tal-pulizija lilu moghti verbalment fis-16 ta' April 2008, u bil-miktub fis-17 ta' April 2008, biex inehhi l-perikolu fil-fetha li hemm fis-saqaf minn fejn waqa' Gabriel, fit-tarag li hemm faccata tar-rampa u fil-bankina mad-dawra tal-binja.

Illi r-reati ipotizzati f'dawn l-erbgha imputazzjonijiet huma ta' natura kontravvenzjonali u konsegwentment preskrivibbli bid-dekors ta' tlett xhur[22].

Illi l-imputat inghata l-ordni mill-pulizija fis-16 ta' April 2008; ic-citazzjoni odjerna giet prezentata fil-5 ta' Awissu 2008 u cioe wara d-dekors tat-tlett xhur. Naturalment wiehed ma jridx jinsa li fit-30 ta' Novembru 2009 l-ufficjal prosekutur talab korrezzjoni fic-citazzjoni li konsegwentement kellha terga tinqara. Ghalhekk huwa car li l-imputazzjonijiet issa in ezami huma preskritti.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena li ghandha tigi inflita l-Qorti ddeliberat fit-tul.

---

22 Ref Pulizija vs Francis Farrugia Appell Kriminali deciz 10.05.2002.

Illi l-Qorti hija konsapevoli li l-ebda piena ma' tista' tpatti ghat-telf ta' hajja, partikolartment il-hajja ta' tifel ta' sentejn. Fil-verita l-iskop tal-piena mhuiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li

*l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[23]

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi ai termini tal-Ligi l-piena prevista ghar-reat in ezami hija jew ta' prigunerija ta' mhux aktar minn erbgha snin (perjodu ta' priguneirja ta' mhux aktar minn sentejn jista' jkun sospiez) **jew** multa ta' mhux aktar minn €11,646.87.

Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu

[23] Ref Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta’ deterrent[24].

Illi fil-kaz in ezami l-imputat m’ghandux l-iskuza ta’ l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta’ certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu; iz-rizultat ta’ dan l-eghmil kien wiehed mill-aktar gravi: miet tifel ta’ sentejn.

Illi tenut kont ta’ dan fid-dawl ta’ dak kollu hawn suespost il-Qorti hija tal-fehma li l-unika piena li tista’ taghti hija wahda karcerarja li pero trid tiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz is-sehem li seta’ kellha Vanessa Agius.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tiddikjara t-tieni, it-tielet, ir-raba u l-hames imputazzjonijiet preskritti, wara li rat l-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati ta’l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah tletin (30) xahar prigunerija. In oltre b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 qed tikkundanna lill-imputat biex ihallas lir-Registratur ta’ din il-Qorti s-somma ta’ hames mija sitta u tlettin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€536.87) rapprezentanti spejjez konnesi mal-hatra ta’esperti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[24] Ref ukoll Pulizija vs Antoine Cassar Appell Kriminali deciz 22.09.2009.